MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 2317/1996/1

**Farrugia Textiles Co. Ltd.**
**-vs-**
**Medwear Clothing Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici li permezz taghha ppremettiet illi:**

Billi s-socjeta' attrici kkonsenjat materjal lis-socjeta' konvenuta ghall-manifattura ta' kwantita' ta' ggieget u lbiesi, liema ggieget u lbiesi kellhom jigu hekk manifatturati mill-istess socjeta' konvenuta u minnha konsenjati lis-socjeta' attrici sal-31 ta' Marzu 1996;

Billi s-socjeta' konvenuta naqset milli taghmel tali konsenja lis-socjeta' attrici fit-terminu miftiehem, u minflok

ikkonsenjat biss parti mill-kwantita' ta' ggieget u lbiesi lilha kommissjonati kif premess, u dan tardivament;

Billi ammont konsiderevoli minn tali ggieget u lbiesi rrizultaw manifatturati mis-socjeta' konvenuta mhux skond l-arti u s-sengha, u wkoll danneggjati;

Billi s-socjeta' konvenuta naqset ghal kollox milli timmanifattura u tikkonsenja lis-socjeta' attrici r-rimanenti kwantita' ta' ggieget u lbiesi mill-ordni lilha originarjament lilha maghmula, kif premess;

Billi wkoll is-socjeta' konvenuta rrifjutat li timmanifattura kwantita' ulterjuri ta' lbiesi lilha sussegwentement ordnati u kommissjonati mis-socjeta' attrici, liema manifattura u konsegwenti konsenja ghalhekk ukoll baqghet ma saritx;

Billi b'konsegwenza ta' tali inadempjenzi da parte tas-socjeta' konvenuta s-socjeta' attrici sofriet danni ngenti, liema danni jikkomprendu d-danni materjali fi kwantita' konsiderevoli ta' ggieget u lbiesi manifatturati mis-socjeta' konvenuta mhux skond is-sengha u l-arti u minnha konsenjata fi stat danneggjat lis-socjeta' attrici, telf ta' profitti da parte tas-socjeta' attrici kemm minhabba konsenji tardivi, kemm minhabba konsenji difettuzi kif ukoll minhabba nuqqas totali ta' konsenji ohra da parte tas-socjeta' konvenuta.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. M'ghandhux jigi dikjarat minn din il-Qorti li s-socjeta' konvenuta kienet inadempjenti fil-konfront tas-socjeta' attrici billi naqset milli tikkonsenja lill-istess socjeta' attrici, fit-terminu miftiehem, il-kwantita' ta' ggieget u lbiesi li l-istess socjeta' konvenuta kienet tenuta li timmanifattura; li s-socjeta' konvenuta kienet inadempjenti fil-konfront tas-socjeta' attrici billi kkonsenjat tardivament, u biss parti mill-kwantita' ta' ggieget u lbiesi lilha kkommissjonati mis-socjeta' attrici kif premess, minn liema konsenja ammont konsiderevoli ta' ggieget u lbiesi ma kienux manifatturati skond is-sengha u l-arti u kienu

danneggjati; li s-socjeta’ konvenuta kienet ukoll inadempjenti fil-konfront tas-socjeta’ attrici billi baqghet ma mmanifatturatx u ma kkonsenjatilhiex ir-rimanenti kwantita’ ta’ ggieget u lbiesi mill-ordni komplessiva lilha maghmula; lis-socjeta’ konvenuta kienet ulterjorment inadempjenti fil-konfront tas-socjeta’ attrici billi baqghet ma mmanifatturatx u ma kkonsenjatilhiex il-kwantita’ ulterjuri ta’ lbiesi lilha sussegwentement ordnati u kommissjonati mis-socjeta’ attrici.

2. M’ghandhux jigi dikjarat minn din il-Qorti li b’konsegwenza ta’ dak premess is-socjeta’ attrici sofriet danni ngenti, komprendenti l-hsara materjali fi kwantita’ konsiderevoli ta’ ggieget u lbiesi lilha konsenjati mis-socjeta’ konvenuta, telf ta’ qliegh kemm minhabba konsenji tardivi, kemm minhabba konsenji difettuzi, kemm minhabba nuqqas totali ta’ konsenji ohra da parte tas-socjeta’ konvenuta, kif ukoll danni ohra kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. M’ghandiex is-socjeta’ konvenuta tigi minn din il-Qorti dikjarata responsabbli ghad-danni kollha hekk sofferti mis-socjeta’ attrici kif premess.

4. M’ghandhomx tali danni jigu likwidati minn din il-Qorti, occorrendo permezz ta’ periti nominandi.

5. M’ghandhiex is-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata minn din il-Qorti thallas lis-socjeta’ attrici d-danni hekk likwidati in forza tar-raba’ domanda.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat fit-28 ta’ Gunju 1996 kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

**Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Medwear Clothing Limited a fol. 9 tal-process li permezz taghha eccepiet:**

1. Illi rigwardanti l-ordni msemmija fl-ewwel 4 paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici, t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu

michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici billi mhux minnu li s-socjeta' konvenuta kienet inadempjenti fl-obbligu taghha u ghalhekk ma ghandhiex tirrispondi ghal xi danni allegati mis-socjeta' attrici.

2. Illi rigwardanti l-ordni msemmija fil-hames (5) paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, din l-ordni qatt ma giet accettata mis-socjeta' konvenuta u ghaldaqstant ukoll is-socjeta' konvenuta ma ghandhiex tirrispondi ghal xi danni allegati mis-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

B'riserva ghall-azzjoni ta' danni kontra s-socjeta' attrici in konnessjoni mal-mandat vessatorju Nru. 3444/96 mahrug kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti ;
Rat id-digriet tad-9 ta' Frar 1998 a fol. 33 li bih gie nominat il-perit legali Dr. Vincent Galea u l-espert tekniku George Borg;
Rat id-digriet tat-28 ta' Frar 2001 a fol. 56 li bih gie sostitwit il-perit tekniku George Borg bil-perit Mark Calleja Urry;
Rat ir-relazzjoni ta' Dr. Vincent Galea a fol. 93 et seq;
Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 721;
Rat id-domandi u risposti in eskuzzjoni tal-perit tekniku a fol. 733 u 747 u 765;
Rat id-diversi noti ta' sottomissjonijiet tad-difensuri.

## FATTI

Illi s-socjeta` attrici u dik konvenuta kienu ilhom ghal xi snin jahdmu flimkien qabel giet intavolata l-azzjoni odjerni. Ix-xoghol kien jikkonsisti filli s-socjeta` attrici tghaddi l-materjal cioe' d-drapp lis-socjeta` konvenuta u din ta' l-ahhar timmanifattura dak rikjest mis-socjeta` attrici, li principalment kienu gkieket u *suits*.

Illi jirrizulta mill-atti illi qabel din il-kwistjoni gieli kien hemm divergenzi ohra bejn iz-zewg socjetajiet li pero

jidher li gew risolti b'mod amikevoli (Dok. VG14 a fol. 469, Dok. VG15 a fol. 471).

Illi jirrizulta illi f'Jannar tas-sena 1996 is-socjeta` attrici ikkumissjonat lis-socjeta` konvenuta b'zewg ordnijiet ta' hjata ta' gkieket. Dawn l-ordnijiet igibu d-data tal-11 ta' Jannar 1996 fejn gew kummissjonati 2,701 gakketta, u ohra datata 18 ta' Jannar 1996 fejn gew kummissjonati 1,808 gakketta. Illi peress meta mpjegati tas-socjeta` attrici marru biex jigbru x-xoghol li kien lahaq tlesta rriskontraw xi difetti huma ma gabrux l-istess xoghol pero sussegwentement wara li kkonsultaw ma' Vincent Farrugia, direttur tas-socjeta` attrici, marru jigbru x-xoghol u hallsu ghall-istess xoghol. Dan sar peress li s-socjeta` konvenuta ghamlitha cara li ma kienitx se tirrilaxxa x-xoghol jekk hi ma tithallasx ta' l-istess.

Illi meta l-istess xoghol ittiehed fil-fabbrika tas-socjeta` attrici f'erba' konsenji differenti, dan gie ezaminat minn certu Salvu Gatt, surveyor mall-kumpanija Mediterranean Survey Bureau Limited li rrizultalu li kien hemm total ta' 891 minn 2,751 gakketta b'xi difett.[1] L-imsemmija kumpanija Mediterranean Survey Bureau Limited appuntat lil certu Paul Portelli sabiex jaghmel assessment professjonali tad-danni subiti. Illi permezz ta' rapport datat 11 ta' Lulju 1996 l-imsemmi Portelli ghamel kalkolazzjoni tal-percentwali approssimativ ta' l-istess danni.

Illi abbazi ta' dawn il-fatti li s-socjeta` attrici allegat li s-socjeta` konvenuta kienet 1) tardiva fil-konsenja tax-xoghol, 2) ma kkonsenjatx dak kollu li kienet giet ikkumissjonata timmanifattura, is-socjeta` attrici qieghdha tippretendi danni fis-somma ta' Lm157,918.49 u dana skond prospett esebit mill-istess socjeta` a fol. 419 (Dok. VG2).

Illi s-socjeta` konvenuta irribattiet dawn il-pretensjoniet billi eccepiet li hi ma kienitx inadempjenti fl-obbligi taghha lejn is-socjeta` attrici u li inoltre l-ahhar ordni li s-socjeta` attrici

[1] Ara survey report a fol. 330.

ssostni li ghamlet qatt ma giet accettata minnha u ghalhekk m'ghandha tirrispondi ghal ebda danni.

**RELAZZJONIJIET PERITALI**

Illi permezz ta' digriet datat 9 ta' Frar 1998 dina l-Qorti innominat lil George Borg bhala perit tekniku u lil Dr. Vincent Galea bhala perit legali biex jassistuha. Illi sussegwentement, fuq talba tas-socjeta` konvenuta, il-Perit Tekniku gie sostitwit u gie nominat minflok Mark Calleja Urry.

Illi l-Periti Gudizzjarjiipprezentaw zewg rapporti individwalment.

Illi l-Perit Tekniku inghata hames ggieget biex ikun jista' jezaminahom, liema ggieget kienu jiffurmaw parti mill-konsenja li s-socjeta` konvenuta ghamlet lis-socjeta` attrici. Illi fir-rapport tieghu datat 9 ta' Marzu 2005,[2] wara li ghamel diversi konstatazzjonijiet il-Perit Tekniku ikkonkluda li l-maggor parti tad-difetti setghu gew rrangati kieku kien hemm il-buona volonta` bejn il-partijiet. Jikkonkludi wkoll illi s-socjeta` konvenuta ma messha qatt accettat li tahdem l-istess ggieget jekk ma kienitx f'posizzjoni li tiggarantixxi li l-prodott kien se jkun tal- livell gholi mistenni. Issottometta wkoll li l-process ta' produzzjoni kien messu waqaf immedjatament meta kien evidenti li l-materjal provdut mis-socjeta` attrici kien impossibbli li tahdmu.

Illi fit-tieni rapport Mark Calleja Urry kompla jispjega illi fil-fehma tieghu jekk il-materjal pprovdut mis-socjeta` attrici ma kienx *« up to standard »* is-socjeta` konvenuta kellha tieqaf immedjatament mill-manifatturar ta' l-istess ggieget. Bir-rizultat illi ladarba s-socjeta` konvenuta iddecidiet li tkompli bil-manifattura ta' l-istess, hija kellha tassumi r-responsabbilta` tal-prodott finali.

Illi l-Perit Legali ikkonkluda illi t-talba ghad-danni tas-socjeta` attrici ghandha tintlaqa' limitatment ghas-somma

[2] a fol. 721.

ta’ Lm22,092.04c u dan principalment ghas-segwenti ragunijiet :-

a. Fir-rigward tad-danni sofferti fil-ggieget li gew manifatturati

F’dan ir-rigward is-socjeta` attrici qieghdha tippretendi s-somma ta’ Lm36,548.82 rapprezentanti telf li hija ghamlet. Minn din is-somma l-Perit Legali naqqas is-somma ta’ Lm15,956.78 rapprezentanti difetti li setghu facilment jigu rrangati u dan kif anke konfermat mix-xhud prodott mis-socjeta` attrici Paul Portelli li ghamel stima tal-percentwali tad-difetti li gew riskontrati.[3] L-istess Perit Legali illikwida wkoll is-somma ta’ Lm1,500 *arbitrio boni viri* sabiex is-socjeta` attrici jew l-addetti taghha jew terzi jirrangaw id-difetti riskontrati.

b. Fir-rigward tat-telf ta’ profitt minhabba li l-ordni ma gietx konsenjata kollha

F’dan ir-rigward il-Perit Tekniku ikkonkluda li s-socjeta` konvenuta mhix responsabbli ghad-danni reklamati stante li l-istess kienet gustifikata li ma tkomplix tahdem l-istess ordni stante li l-materjal pprovdut mis-socjeta` attrici kien difettuz.

c. Fir-rigward tat-telf ta’ qliegh ghall-ordni li ma gietx accettata mis-socjeta` konvenuta

Illi l-Perit Tekniku f’dan ir-rigward kien ukoll ta’ l-opinjoni illi s-socjeta` konvenuta ma kienet responsabbli ghall-ebda danni stante li l-istess ordni saret mill-kumpanija Georgie Co. Ltd. u mhux minn Farrugia Textiles Co. Ltd.

d. Fir-rigward ta’ qliezet ma jaqblux

Illi dan l-ilment huwa rizultat tal-fatt illi ladarba ma gewx konsenjati l-ammonti ordnati ta’ ggieget is-socjeta` attrici spiccat b’numru ta’ qliezet (li mmanufatturat is-socjeta’ attrici stess) minghajr gakketta u li ghalhekk ma setghux

[3] a fol. 369 et seq.

jinbieghu bhala *suit.* Illi l-Perit Tekniku kien ta' l-opinjoni li s-socjeta` konvenuta ma kienitx obbligata li tkompli tahdem bil-materjal difettuz u ghalhekk m'ghandha tirrispondi ghal ebda danni f'dan ir-rigward.

e. Fir-rigward tal-kwistjoni li l-konsenja saret tardivament

Illi jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta kienet interpellat lis-socjeta` attrici diversi drabi biex tigbor l-istess xoghol. Illi kif issottometta l-Perit Legali huwa minnu li s-socjeta` konvenuta ma riditx tirrilaxxja l-istess xoghol jekk ma jsirx il-hlas, pero kif osserva l-istess Perit is-socjeta` konvenuta kellha kull dritt li l-ewwel tithallas ghax-xoghol li ghamlet qabel tirrilaxxah. Ghaldaqstant anke f'dan ir-rigward m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati.

Illi wara li gew pprezentati r-rapporti in kwistjoni saret biss eskussjoni tal-Perit Tekniku Mark Calleja Urry.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi stante li l-mertu tal-kawza odjerna huwa kuntratt ta' appalt dina l-Qorti sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward.

Illi in linea generali huwa principju kardinali illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li x-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. « *L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria »*[4] Dan fis-sens li hu *« ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu ».*[5]

Illi l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-danni kollha rizultanti minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Ghax kif jinsab ritenut ukoll « *f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma*

[4] Kollez. Vol. XXVII p. 373.
[5] Kollez. Vol. XL P.I p. 485.

*jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem*».[6]

Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-appaltant tinkawdra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabbilta' kontrattwali normattiva minhabba nadempiment. Li jfisser li l-appaltant jista' jaghzel li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Artikolu 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor l-appaltant ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art. 1069 (2)).

Illi kif deciz mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (1 ta' Marzu 1995, Numru 2346; Roberto Triola "Codice Civile Annotato con la Giurisprudenza", Tieni Edizzjoni, 2002), "*nel contratto di appalto, il committente, che lamenti difformita` o difetti dell' opera, puo` richiedere che la difformita` o i difetti siano eliminabili a spese dell'appaltatore mediante condanna da esiguirsi nelle forme previste dall' art 2931 codice civile (*korrispondenti ghall-Artikolu 1127 tal-Kodici Civili taghna) *oppure che il prezzo sia ridotto (*Ara f' dan is-sens Kollez. Vol. XXX P III p. 433) *e, in aggunta o in alternativa, che gli venga risarcito il danno derivante dalle difformita` o dai vizi. Tale domanda risarcitoria non si identifica con quella diretta all' attribuzione del risarcimento per equivalente che il committente proponga in subordine alla mancata esecuzione specifica della condanna all' eliminazione delle difformita` o dei vizi: la prima, infatti, che postila la colpa dell' appaltatore, e` utilizzabile per il ristoro del pregiudizio che non sia eliminabile mediante un nuovo intervenuto dell' appaltatore (come nel caso di danni a persone o a cose, o di spese di rifacimento che il committente abbia provveduto di fare eseguire direttamente); la seconda, che prescinde dalla colpa dell'appaltatore tenuto comunque alla garanzia, tende a conseguire un 'minus' rispetto alla reintegrazione in forma specifica, della quale rappresenta il sostitutivo legale, mediante la prestazione della 'eadem res debita', sicche*

[6] Mario Blackman vs Carmelo Farrugia et noe, Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972.

*deve ritenersi ricompresa, anche se non esplicitata, nella domanda di eliminazione delle difformita` o dei vizi*".

Affermati dawn l-aspetti preliminari jirrizulta fil-konkret mill-perizja teknika illi fil-kaz tax-xoghlijiet ezegwiti mill-konvenuti gew riskontrati difetti li jirrendu l-appalt mhux ghal kollox konformi mad-dettami ta' l-arti u s-sengha. It-tort ma kienx pero ghal kollox tas-socjeta` konvenuta ghalkemm gialadarba din ta' l-ahhar accettat li tesegwi xoghol fuq materjal li hi kienet taf ma kienx ta' kwalita` tajba allura trid twiegeb ghad-danni eventwali. F'kaz bhal dan l-appaltatur ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew inkella jkollu jwiegeb ghad-difetti li jigu 'l quddiem izda galadarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol dejjem jibqa' obbligat u responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti u *spondet peritiam artis* u hu obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent; u ghalhekk mhux legalment validu l-argument li x-xoghol ma sarx sewwa ghax hu ghamlu kif riedu l-kommittent.[7]

Illi mill-prospett esebit mis-socjeta` attrici a fol. 420 jirrizulta is-segwenti:-

| Fattura Numru | Numru ta' ggieget | Ggieget totalment danneggjati | Ggieget parzjalment dannegjati |
|---|---|---|---|
| 1390 | 722 | 62 | 450 |
| 1400 | 500 | 53 | 139 |
| 1406 | 980 | 20 | 21 |
| 1407 | 549 | 24 | 122 |
| **Total** | **2751** | **159** | **732** |

Illi ghalhekk jrrizulta illi minn total ta' 2,751 gakketta, 891 kellhom xi tip ta' difett. Madankollu, sfortunatament, il-Perit Tekniku, ghal xi raguni li ma tirrizultax mill-provi, ezamina biss hames ggieget. Lanqas ma jirrizulta x'gara mill-ggieget wara li dawn gew konsenjati lis-socjeta` attrici. Illi ghalhekk il-Qorti hija aktar propensa illi fir-

[7] Benny Camilleri v John Cuschieri, Prim'Awla 31 ta' Jannar 2003; Salvatore Guillaumier noe vs Anthony Borg Cardona [1988] Vol.LXXII.II.439; Antonio Pisani vs Carmelo Debattista [1958] Vol.XXIX.II.1003.

rigward ta’ l-ammont ta’ ggieget danneggjati timxi fuq ir-rapport tal-Mediterranean Survey Bureau Limited billi s-surveyor Salvu Gatt inkarigat mill-istess socjeta` kien mar jara kull konsenja *a tempo vergine*.

Illi mit-891 gakketta b’difett kienu biss 159 li kellhom difett li ma setghax jigi rrangat. Dan jirrizulta jekk wiehed janalizza fid-dettal is-survey report redatt mill-Mediterranean Survey Bureau Limited a fol. 330, kommissjonat mis-socjeta` attrici, u r-rapport redatt minn Paul Portelli ikkummissjonat mill-istess Survey Bureau Limited. Minn dan is-survey, irrizulta illi kien hemm is-segwenti *faults* fl-erba’ konsenji li saru u cioe’:-

1. Threads (Trimming)
2. Pressing Faults
3. Buttonhole
4. Gathering (sewing fault)
5. Loose hems
6. Fabric Shading
7. Shine from Pressing/Ironing
8. Stains (depending on quality)
9. Fabric Faults

Illi skond l-istess Paul Portelli d-difetti appena elenkati kollha setghu jigu rrangati hlief ghad-difetti ta’ “shading”, ta’ “shine from pressing/ironing”[8] u wkoll ta’ “stains”. Illi jekk wiehed jara x’ammont mill-gkieket konsenjati kienu effetti mill-imsemmija tlett difetti jsib illi 44 kellhom difetti ta’ “shading”, 103 kellhom difett ta’ “shine from pressing/ironing”, u 12 kellhom xi “stains”. Illi ghalhekk fl-aghar ipotezi l-ammont ta’ ggieget li ma setghux jigu rrangati kien ta’ 159.

Illi skond Dokument VG3 a fol. 420 ipprezentat mis-socjeta` attrici dawn it-tlett difetti, u cioe’ “shading”, “shine”, u “istains” gew kwantifikati kif gej:-

---

[8] Fir-rigward ta’ dan id-difett l-istess xhud stqarr illi li parti mill-ggieget seta’ wkoll jitnehhilhom dan id-difett.

“Shading” - Lm1,804.88c (44 gakketta x Lm41.02-il wahda)[9]
“Shine” - Lm4,225.06c (103 gakketta x Lm41.02-il wahda)
“Stains” - Lm492.24c (12 gakketta x Lm41.02-il wahda)
-------------------------------------------------------------------------------------------
**Total - Lm6,522.18c (159 gakketta x Lm41.02-il wahda)**

Illi l-Perit Legali wasal ghas-somma likwidata ghad-difetti billi mis-somma reklamata mis-socjeta` attrici fir-rigward tad-difetti riskontrati ta’ Lm36,548.82 (891 gakketta x Lm41.02c) naqqas is-somma ta’ Lm15,956.78 u cioe t-total ta’ danni reklamati rigwardanti difetti li setghu facilment jitrangaw, filwaqt li kkwantifika somma ta’ Lm1,500 *arbitrio boni viri* sabiex jissewwew id-difetti li setghu jitrangaw.[10]

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma’ din il-likwidazzjoni stante li fis-somma ta’ Lm15,956.78 m’hemmx kompriz id-difetti kollha li setghu gew facilment irrangati bi ftit ta’ rieda tajba. Il-Perit Legali ha in konsiderazzjoni biss is-segwenti difetti u cioe’ “threads”, “pressing faults”, “buttonholes”, “gathering”, u “loose hems”. Mentri fid-“damages report” esebit mis-socjeta` attrici u li abbazi tieghu waslet ghas-somma ta’ Lm36,548.82 kien hemm difetti ohra bhal “damaged material”, “sewing faults”, “dirty”, “lapel track open”, “lapel edge”, liema difetti wkoll setghu jigu rrangati kif stqarr Paul Portelli.

Illi fir-rigward tas-somma likwidata *arbitrio boni viri* din il-Qorti hija tal-fehma li din ma tirriflettix b’mod gust il-valur sabiex jigu rrangati l-istess difetti.

Illi bhala somma li tirrifletti d-danni sofferti fil-ggieget li setghu gew irrangati din il-Qorti ha tillikwida fuq average

[9] Skond Dok. VG2 a fol. 419 kull gakketta kellha tinbiegh ghal Lm41.02.
[10] a fol. 145 u 146.

tal-percentwali tad-danni hekk kif spjegati fir-rapport ta' Paul Portelli a fol. 335 tal-process.

Issa wara li din il-Qorti illikwidat is-somma ta' Lm6,522.18c fir-rigward tat-telf subit mis-socjeta` attrici fir-rigward tal-ggieget li ma kienux riparabbli, sejra issa tikkonsidra x'ammont ghandu jigi likwidat fir-rigward tas-732 gakketta li kienu facilment riparabbli.

Illi jekk wiehed iqis il-percentwali moghtija mill-espert Paul Portelli, l-uniku persuna teknika li esprimiet ruhha fuq dawn il-percentwali, wiehed jara illi d-difetti riskontrati li ma kienux riparabbli kienu s-segwenti[11]:-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Threads (Trimming) | 5% |
| 2. | Pressing Faults | 10% |
| 3. | Buttonhole | 10% |
| 4. | Gathering (Sewing Fault) | 20% |
| 5. | Loose hems | 35% |
| 6. | Fabric faults | 5% till 100% |

Illi l-uniku difett li m'hemmx definit percentwal ezatt tieghu huwa l-"fabric fault". Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti id-danni derivanti minn dan id-difett ghandhom jaqsmuh bejniethom il-partijiet stante li s-socjeta` attrici pprovdiet materjal li gie ppruvat li kellu hafna difetti filwaqt li s-socjeta` konvenuta kien messha ma hadmitx fuq l-istess materjal jekk hi rat li kellu dawn id-difetti jew altrimenti setghet eliminat dawn id-difetti fi stadju bikri tal-produzzjoni. Illi skond Paul Portelli dan id-difett jista' jitranga jekk tinbidel il-panel tal-gakketta fejn ikun hemm id-difett. Illi ghalhekk din il-Qorti qieghdha tatribwixxi percentwali ta' 100% lil dan id-difett li pero 50% minnu biss huwa attriwibbli lis-socjeta` konvenuta.

Illi din il-Qorti, wara li hadet il-medja tal-percentwali t'hawn fuq, liema medja hija ta' 21.67%,[12] tillikwida d-danni ghad-difetti li setghu gew facilment rimedjati fis-somma ta' Lm6,506.77c (732 gakketta x Lm41.02c x 21.67%).

[11] a fol. 335.
[12] Medja tas-segwenti percentwali: 5%+10%+10%+20%+35%+50% = 21.67%.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-likwidazzjoni segwenti hija iktar ekwa u gusta:-

**Valur ta' 159 gakketta li ma jistghux jigu rrangati Lm6,522.18c**

**Ammont likwidat fir-rigward tal-ggieget li kienu riparabbli**
**Lm6,506.77c**

**----------------------**

**Lm13,028.95c**

Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ammont ta' danni attwalment sofferti mis-socjeta` attrici u li ghalihom ghandha tigi mizmuma responsabbli s-socjeta` konvenuta qeghdin jigu likwidati fis-somma ta' Lm13,028.95c.

Illi fir-rigward tal-pretensjonijiet l-ohra attrici dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali hekk kif elenkati aktar 'l fuq minn (b) sa (e) u ghalhekk qieghdha taghmilhom taghha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi,
il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi
filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta,
tichad l-ewwel eccezzjoni
u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici fis-sens biss kif hawn taht indikat billi :-

1. Tilqa' in parte l-ewwel talba tas-socjeta' attrici u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta kkonsenjat ammont konsiderevoli ta' ggieget li ma kienux manifatturati skond is-sengha u l-arti u kienu danneggjati;
2. Tilqa' in parte t-tieni talba b'dan illi tiddikjara li minhabba dan l-agir tas-socjeta` konvenuta is-socjeta` attrici sofriet danni, komprendenti l-hsara materjali fi kwantita` konsiderevoli ta' ggieget konsenjati mis-socjeta`

konvenuta u telf ta' qliegh minhabba difetti fl-istess konsenji;
3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici kif hawn fuq indikat;
4. Tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' €30,349.29 ekwivalenti ghal Lm13,028.95c;
5. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat fit-28 ta' Gunju 1996 ghandhom jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta` attrici u terz mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------